# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 4**

**Rikors numru 229/21/1**

**Godwin Cutajar u Simon Cutajar bħala operaturi tal-istabbiliment 'Beach Haven'**

**v.**

1. **Awtorita` għat-Trasport f'Malta; u**
2. **Harbour Management Limited (C29326)**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell imressaq fid-19 ta' Lulju, 2021, mill-Awtorita` għat-Trasport f'Malta, wara deċiżjoni datata 8 ta' Lulju, 2021, mogħtija mill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Bord") fil-każ li jġib referenza numru MMA 001_RFP/2009 (każ numru 1567).

2. Dan il-każ huwa marbut ma' sejħa għall-proposti (minn hawn 'il quddiem imsejħa RFP) maħruġa mill-Awtorita` Marittima ta' Malta (illum taqa' fi ħdan l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta) "*for the operation and management of an organised mooring field for a period of five years",* fl-2009 in konnessjoni mal-bajjiet tax-Xemxija u tas-Salina. Għal din is-sejħa wieġbu żewġ offerenti, Godwin u Simon Cutajar bħala operaturi tal-istabbiliment "Beach Haven", u s-soċjeta` Harbour Management Limited. Wara li saret evalwazzjoni taż-żewġ offerti, l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta ddeċidiet li twarrab l-offerta magħmula mill-operaturi ta' Beach Haven, filwaqt li rrakomandat li Harbour Management Limited tingħata l-kuntratt. Għalkemm l-operaturi ta' Beach Haven ikkontestaw dik id-deċiżjoni permezz ta' proċeduri ta' arbitraġġ, dan l-arbitraġġ ma kellux eżitu pożittiv għall-operaturi ta' Beach Haven. Iżda sussegwentement, fid-19 ta' Mejju, 2011, l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta ddeċidiet li tikkanċella u tittermina l-proċess ta' RFP, peress li r-rati proposti minn Harbour Management Limited għall-irmiġġi ma tqisux aċċettabbli u għalhekk ġiet rilaxxata l-Bid Bond. Din id-deċiżjoni ma kinitx mgħarrfa lill-applikanti l-oħra. Harbour Management Limited iddeċidiet tikkontesta din id-deċiżjoni billi fetħet kawża, kif jipprovdi l-Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li kienet iġġib referenza 1129/2011. Iżda wara għaxar snin, din il-kawża ġiet irtirata, billi saret nota ta' ċessjoni fis-16 ta' Novembru, 2020, da parti ta' Harbour Management Limited fl-

atti tal-kawża, li fiha ngħad li l-partijiet kienu laħqu ftehim ta' transazzjoni u għalhekkk il-Qorti li kienet qiegħda tisma' l-każ, astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża.

3. F'Diċembru 2020, l-operaturi ta' Beach Haven innutaw ċertu attivita` madwar il-bajja tax-Xemxija, li nisslu suspett li kien intlaħaq xi ftehim bejn Transport Malta u Harbour Management Limited. Permezz ta' ittra datata 6 ta' Jannar, 2021, l-operaturi ta' Beach Haven għarrfu lill-Awtorita` għat-Trasport f'Malta li:

(i) ġaladarba ma kien hemm l-ebda proċeduri ġudizzjarji pendenti, id-deċiżjoni tal-Awtorita` li tikkanċella l-RFP fid-19 ta' Mejju, 2011, saret waħda finali;

(ii) huma kienu għadhom interessati li joperaw u jimmaniġġjaw l-irmiġġi fil-Bajja tax-Xemxija, kwindi li jipparteċipaw f'kwalunkwe proċedura ta' sejħa għall-offerti;

(iii) talbu konferma li la kien sar u lanqas kien ser jiġi ffirmat l-ebda kuntratt (ħlief wara sejħa kompetitiva għall-offerti) ma' Harbour Management Limited jew ma' xi operatur ieħor għall-immaniġġjar u l-operat tal-irmiġġi fil-Bajja tax-Xemxija.

Iżda l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta wieġbet illi effettivament kien ġie ffirmat ftehim ta' transazzjoni ma' Harbour Management Limited u li parti mill-ftehim ta' transazzjoni kien jikkonsisti fil-fatt li Harbour Management Limited kellha torganizza u topera l-irmiġġi fil-Bajja tax-Xemxija għall-ħames snin li ġejjin. Għalkemm l-operaturi tal-Beach Haven talbu li jingħataw kopja ta' dan il-ftehim ta' transazzjoni u informazzjoni dwar id-data meta dan il-ftehim ġie ffirmat, l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta ċaħdet dawn it-talbiet minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalita`.

4. Kien għalhekk li l-operaturi ta' Beach Haven, permezz ta' ittra datata 3 ta' Marzu, 2021, irrikorrew għand il-Bord sabiex jingħataw rimedju skont il-Liġi. Ir-rimedju mitlub mill-operaturi tal-Beach Haven kien li jiġi dikjarat bla effett kemm il-ftehim ta' transazzjoni, kif ukoll kull kuntratt li għandu x'jaqsam mal-immaniġġjar u l-operat tal-irmiġġi fil-Bajja tax-Xemixija. Dan għar-raġuni li peress li l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta qatghetha tikkanċella l-RFP f'Mejju tas-sena 2011, kif kellha kull dritt li tagħmel skont il-klawsoli 22, 27.1 u 27.5 tal-RFP, liema deċiżjoni kienet qiegħda tiġi kkontestata l-Qorti, hekk kif il-kawża ġiet ċeduta mis-soċjeta` Harbour Management Limited, id-deċiżjoni ta' tħassir tal-RFP saret waħda finali. Kwindi ebda kuntratt ma seta' jiġi ffirmat fuq il-bażi ta' dak l-RFP, peress li l-proċedura ta' sejħa għall-offerti kienet effettivament kanċellata. Isegwi li l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta kellha tniedi proċedura ta' sejħa għall-offerti ġdida, li tkun reklamata wkoll fil-ġurnal

uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, qabel ma tagħti kuntratt lil Harbour Management Limited. Ingħad ukoll mill-operaturi tal-Beach Haven, li għalkemm ma kinux jafu meta ġie ffirmat il-kuntratt ta' transazzjoni ma' Harbour Management Limited skont ir-Regolament 118(b) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 601.09, talba għall-istħarriġ kellha ssir fi żmien sitt xhur mill-ġurnata li fiha jiġi ffirmat il-kuntratt, iżda fil-fehma tagħhom l-applikazzjoni kienet qiegħda ssir fit-terminu preskritt mil-liġi.

5. Id-deċiżjoni tal-Bord hija s-segwenti:

> "That this case is about a Request for Proposals (MMA/001_rfp/2009) issued in 2009. This same RfP was awarded to Harbour Management Limited.
>
> There had been disagreement on the preferred bidder's proposed fees on which the Contracting Authority had requested revision. Since the preferred bidder did not want to review these fees, on the 19th May 2011 the Contracting Authority had decided to cancel the Request for Proposals.
>
> However, the preferred bidder had challenged this decision to cancel the RfP on the 16th November 2011 by means of judicial proceedings in terms of Article 468A of the Code of Organisation and Civil Procedure.
>
> The case remained pending before the Courts until the 16th November 2020 when the case was withdrawn (ceded).
>
> On the 12th November 2020, the Contracting Authority and the Preferred bidder settled their differences and signed a Compromise Agreement setting the date of the 1st March 2021 for the signing of the Concession Agreement following the RfP.
>
> Complainant is asking this Board to declare the Compromise agreement and any other Concession Agreement signed on the basis of the Request for Proposals to be Ineffective since after the cancellation of the RfP, the Contracting Authority was bound to issue a fresh competitive tender before awarding the Concession.

The Contracting Authority in its reply raised a preliminary plea that has to be decided first. The Authority claims that according to Regulation 4 of S.L. 601.09 (The Concession Contracts Regulations) the present action is not permissible. The CCR came into force in 2016 (LN 353/2016) and since the Compromise Agreement shall continue to be regulated by the laws which were previously in force and Concession Contracts Regulations do not apply.

The Contracting Authority also raised another preliminary plea in that Regulation 113(1) states that "*an interested party or a tender may file an application before the Public Contracts Review Board to declare that a concession contract with an estimated value which meets or exceeds the threshold established under Schedule 3 is ineffective*". *Although* claiming that the concession value did not exceed the threshold mentioned in Schedule 3, no evidence was produced before this Board as to the actual estimated value of the Concession.

This Board did not find any instance in the documents made available in these proceedings where the original decision of the Contracting Authority to cancel the tender was ever revoked. The cancellation remained in force, although in suspense because of the pending Court Case, up to the 16th November 2020. The Compromise Agreement of the 12th November 2020 does not mention the revocation of the cancellation of the RfP either.

Thus it is this Board's opinion that when the preferred concessionaire, Harbour Management Ltd withdrew (ceded) its court case on the 16th November 2020, in effect the dormant cancellation of the RfP as ordered on the 19th May 2011 became operative and any further action regarding the said RfP was not according to law.

For the above reasons this Board declares that both the Compromise Agreement entered by the Contracting Authority and the concessionaire on the 12th November 2020 and the Concession Agreement signed between the Contracting Authority and Harbour Management Ltd on the 22nd February 2021 are ineffective in terms of the Concession Contracts Regulations 113.(2)".

6. L-Awtorita\` għat-Trasport f'Malta ħassitha aggravata bl-imsemmija deċiżjoni tal-Bord u qiegħda tressaq dan l-appell quddiem din il-Qorti. L-appell tal-Awtorita\` huwa msejjes fuq tliet aggravji:

(I) in-nullita` tas-sentenza tal-Bord ta' Revizjoni dwar Kuntratti Pubbliċi peress li l-Bord naqas milli jindirizza, jevalwa u jiddeċiedi (a) l-eċċezzjoni tagħha li r-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Konċessjoni (L.S. 601.09) ma japplikawx għall-każ in eżami skont ir-Regolament 4 tal-istess Regolamenti; u (b) l-eċċezzjoni sollevata mis-soċjeta` Harbour Management Limited dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-applikanti Cutajar sabiex jippreżentaw talba għad-dikjarazzjoni ta' ineffettivita`. Dan in-nuqqas jikkozza mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 730 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

(II) It-tieni aggravju jitratta l-eċċezzjoni minnha sollevata li l-applikazzjoni tal-applikanti Cutajar hija inammissibbli a tenur tar-Regolament 4 tal-L.S 601.09, hija waħda fondata u kienet timmerita li tiġi akkolta peress li s-soċjeta` Harbour Management Limited kienet rebħet ir-*Request for Proposal for the Management and Operation of Organised Mooring Areas,* maħruġ mill-Awtorita` fl-2009. Kwindi l-Awtorita` appellanti ssostni li l-liġi applikabbli għal dan il-kuntratt ta' konċessjoni hija dik fis-seħħ qabel il-promulgazzjoni tal-Avviż Legali 353 tas-sena 2016 u għalhekk tisħaq li r-Regolament 113 tar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Konċessjoni (L.S. 601.09) illi fuqu hija msejsa t-talba tal-appellati Cutajar ma japplikax. Dan peress li l-istess Regolament 4 jipprovdi li fejn jirrigwarda proċedura ta' konċessjoni li nħarġet qabel il-pubblikazzjoni tal-Avviż Legali 353 tal-2016, għandha

tibqa' tiġi regolata bil-liġi kif kienet fis-seħħ fiż-żmien li nħarġet il-konċessjoni, li f'dan il-każ kien fl-2009.

(III) It-tielet aggravju jiċċentra fuq l-argument li d-deċiżjoni tal-Bord hija żbaljata wkoll fil-mertu u dan jingħad għal żewġ raġunijiet (i) fl-ewwel lok l-Awtorita` appellanti tikkontendi li d-deċiżjoni tal-Bord teżorbita l-kompetenza tal-istess Bord li m'għandu l-ebda poter li jiddikjara l-iskrittura ta' transazzjoni bħala ineffettiva u (ii) id-deċiżjoni hija wkoll żbaljata peress li fil-mument li l-partijiet iffirmaw l-iskrittura ta' transazzjoni, obbligaw ruħhom li sa ċertu data jiġi ffirmat il-kuntratt ta' konċessjoni, kien bil-wisq ovvju li l-ordni tal-kanċellazzjoni tal-RFP ma kienx għadu applikabbli, tant li l-Awtorita` pproċediet sabiex tagħti l-konċessjoni lil Harbour Management Limited, proprju abbażi ta' tali RFP.

Għalhekk l-Awtorita` appellanti titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara nulla d-deċiżjoni tal-Bord mogħtija fit-8 ta' Lulju, 2021, kif spjegat qabel u sussidjarjament, f'każ li din il-Qorti ma tilqax din it-talba, l-Awtorita` appellanti titlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka l-imsemmija deċiżjoni billi tilqa' l-eċċezzjonijiet imressqa minnha, bl-ispejjeż kontra l-appellati.

7. Wara li semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, din il-Qorti sejra tgħaddi għas-sentenza tagħha.

Ikkonsidrat:

8. Trattat l-appell, għandu jingħad mal-ewwel li din il-Qorti tqis li l-Awtorita` appellanti m'għandhiex raġun fl-ewwel żewġ aggravji tagħha. L-ewwel ser jiġu trattati l-ewwel parti tal-ewwel aggravju u t-tieni aggravju f'daqqa peress li huma sewwa sew marbuta ma' xulxin. In kwantu jingħad mill-Awtorita` appellanti li d-deċiżjoni tal-Bord hija nulla peress li naqas milli jiddeċiedi dwar l-eċċezzjoni preliminari li skont ir-Regolament 4 tar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Konċessjoni (L.S. 601.09) ma japplikawx għall-każ in eżami, minn qari tas-sentenza l-Bord għamel referenza speċifika għal din l-eċċezzjoni preliminari u minkejja li ma ngħad xejn dwarha fid-decide tad-deċiżjoni appellata, il-Bord effettivament indirizza u ddeċieda din l-eċċezzjoni kif ser jiġi issa spjegat.

9. Fir-rigward tal-mertu tat-tieni aggravju, ċioe` li l-applikazzjoni tal-applikanti Cutajar hija inammissibbli a tenur tar-Regolament 4 tal-L.S 601.09, li jipprovdi:

> "4. *Kull proċedura ta' konċessjoni li tkun inħarġet sal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti għandha tibqa' regolata bil-liġijiet li kienu fis-seħħ, inkluż kull reviżjoni fuq xi deċiżjoni dwar dan."*

Jiġi nnutat li wara li l-Bord għamel rassenja tal-fatti, qies li ġaladarba d-deċiżjoni tal-Awtorita` li tikkanċella l-RFP fl-2011, qatt ma ġiet revokata, il-kanċellazzjoni tal-RFP baqgħet fis-seħħ, kwindi għalkemm dik il-kanċellazzjoni baqgħet sospiża tul is-smiegħ tal-kawża ntavolata quddiem il-Qorti minn Harbour Management Limited, hekk kif ġiet ċeduta l-kawża, l-ordni tat-tħassir jew kanċellazzjoni tal-RFP li saret fl-2011, reġgħet ġiet fis-seħħ. Isegwi li ma kienx possibbli li jsir ftehim ibbażat fuq l-RFP oriġinali tas-sena 2009. Il-konsegwenza loġika għal dan ir-raġunament huwa li, ir-Regolament 4 m'huwiex applikabbli fil-każ in eżami, peress li kwalunkwe ftehim li sar bejn l-Awtorita` u Harbour Management Limited fi Frar tas-sena 2021, ma kienx konsegwenza tal-RFP maħruġ fl-2009, iżda konċessjoni ġdida li għaliha japplikaw ir-regolamenti tal-L.S. 601.09. Għalhekk għalkemm il-Bord ma ċaħadx espressament l-eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita`, effettivament iddeċieda l-istess eċċezzjoni, kif appena spjegat.

10. Kwindi l-Awtorita` appellanti m'għandhiex raġun fil-mertu tal-eċċezzjoni nnifisha, peress li l-pretensjoni tal-Awtorita` appellanti li tagħti konċessjoni lil Harbour Management Limited fuq is-sejħa oriġinali ma treġix ġaladarba dik kienet imħassra fl-2011. Għalkemm id-deċiżjoni tal-Awtorita` li titħassar l-RFP, setgħet tiġi mħassra ġudizzjarjament ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-proċeduri

mnedija minn Harbour Management Limited, dawk il-proċeduri qatt ma ġew deċiżi, hekk kif dik is-soċjeta` għażlet li ċċedi l-atti tal-kawża wara li ffirmat ftehim ta' transazzjoni fit-12 ta' Novembru, 2020 u l-kawża ġiet ċeduta fis-26 ta' Novembru, 2020, (jiġifieri qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt ta' konċessjoni ġdida fit-22 ta' Frar, 2021). Għalhekk, fil-mument li ġiet ċeduta l-kawża, id-deċiżjoni oriġinali tal-Awtorita` li tħassar l-RFP saret definittiva u Harbour Management Limited ma setgħet qatt titqies li rebħet dak l-RFP hekk ikkanċellat. F'dak l-istadju, l-Awtorita` appellanti kellha toħroġ sejħa ġdida u mhux tiffirma konċessjoni ġdida fuq il-pretensjoni li din kienet kontinwazzjoni tas-sejħa oriġinali tal-2009. Isegwi li l-konċessjoni mogħtija lil Harbour Management Limited għandha titqies bħala konċessjoni ġdida li għaliha japplikaw ir-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Konċessjoni (L.S. 601.09), inkluż ir-Regolament 113, illi fuqu hija msejsa t-talba tal-appellati Cutajar. Il-pretensjoni tal-Awtorita` appellanti li jibqgħu japplikaw ir-regolamenti l-qodma qabel l-emendi tal-2016, għall-konċessjoni li ffirmat fl-2021 ma treġix. Għalhekk din il-Qorti taqbel perfettament mar-raġunar tal-Bord fir-rigward u t-tieni aggravju tal-Awtorita` appellanti m'għandux jintlaqa'.

11. Inoltre, fir-rigward tal-ewwel aggravju, tajjeb li jiġi mfakkar ukoll li għalkemm huwa minnu li l-eċċezzjonijiet maħsuba taħt l-Artikolu 730 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għandhom jiġu deċiżi b'kap għalihom qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu, daqstant ieħor din il-Qorti

m'għandhiex tilqa' eċċezzjoni ta' nullita` ta' sentenza, jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha (Artikolu 790 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Fil-każ in eżami, jirriżulta li n-nuqqas tal-Bord li jsemmi espliċitament li kien qiegħed jiskarta l-eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita` ma taqax fil-parametri maħsuba fl-Artikolu 730 tal-Kap. 12. Fi kwalunkwe każ, id-deċiżjoni tal-Bord titqies ġusta fis-sustanza, peress li effettivament il-Bord, wara li qies it-talbiet tal-applikanti u l-eċċezzjonijiet tal-intimati, elenka l-fatti fil-qosor, u mbagħad wasal għall-konklużjoni tiegħu fuq raġunament li din il-Qorti tikkondividi pjenament.

12. L-istess jista' jingħad fir-rigward tat-tieni parti tal-ewwel aggravju li jitratta l-eċċezzjoni tas-soċjeta` Harbour Management Limited dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku, għalkemm il-Bord għamel referenza għal din l-eċċezzjoni fir-rassenja tal-minuti, ma daħalx fil-mertu ta' din l-eċċezjoni fil-parti dispożittiva tad-deċiżjoni. Madankollu din il-Qorti tqis din l-eċċezzjoni bħala tassew frivola. Il-fatt li r-Regolament 113 innifsu jipprovdi li rikors għal dikjarazzjoni ta' ineffettivita` ta' kuntratt jista' jitressaq minn "*parti interessata jew offerent*", kwindi jipprovdi li mhux biss min ikun tefa' l-offerta jitqies li għandu interess meħtieġ, *multo magis* f'dan il-każ, joħroġ ċar l-interess tal-appellati Cutajar bħala l-operaturi ta' Beach Haven li kienu proprju wieħed miż-żewġ offerenti fis-sejħa oriġinali. Kwindi huwa pjuttost ovvju l-interess li għandhom l-appellati fl-eżitu ta' dawn il-proċeduri, peress li f'każ ta' proċess għal sejħa ġdida

għall-operat u maniġġjar tal-irmiġġi, ikunu jistgħu jipparteċipaw mill-ġdid u jkollhom ċans daqs ħaddieħor f'dik is-sejħa.

13. Kif kellha okkażjoni tirrileva din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2021, fil-kawża fl-ismijiet **Truevo Payments Limited v. Direttur tal-Kuntratti**, l-interess imsemmi fir-regolamenti tal-kuntratti pubbliċi (dak il-każ kien jitratta r-Regolament 262 tal-L.S.601.03) jista' jkun differenti minn dak l-interess ġuridiku meħtieġ fil-kawżi quddiem il-qrati tagħna, peress li f'dan il-każ, l-interess imsemmi f'din il-liġi speċjali, għandu jipprevali. Bl-istess mod, l-appellati għandhom l-interess meħtieġ li jressqu l-proċeduri idoneji ghall-finijiet tar-Regolament 113 tal-L.S.601.09, sabiex il-kuntratt ta' konċessjoni mogħti mill-Awtorita` appellanti jiġi dikjarat ineffettiv, u għalhekk lanqas din il-parti tal-ewwel aggravju ma timmerita li tintlaqa'.

14. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju tal-Awtorita` appellanti li d-deċiżjoni tal-Bord hija wkoll żbaljata fil-mertu għal żewġ raġunijiet: (i) li d-deċiżjoni tal-Bord kienet teżorbita l-kompetenza tal-istess Bord meta ddeċieda li l-iskrittura ta' transazzjoni kienet ineffettiva, kif ukoll (ii) li hekk kif il-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' transazzjoni u obbligaw ruħhom li jiffirmaw kuntratt ta' konċessjoni f'terminu prefiss, kien ovvju li l-ordni tal-kanċellazzjoni tal-RFP ma kienx għadu applikabbli. Ir-Regolament 113(2) jipprovdi:

> *"(2) Parti interessata tista' titlob biss lill-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi biex tiddikjara **l-ineffettività ta' kuntratt ta' konċessjoni** iffirmat jekk l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tat kuntratt mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mingħajr ma dan ikun permissibbli b'konformità mad-Direttiva 2014/23/UE"* (enfasi ta' din il-Qorti).

Huwa minnu li l-liġi tirreferi speċifikatament għall-kuntratt ta' konċessjoni u mhux kwalunkwe kuntratt. Għalkemm it-talbiet tal-applikanti Cutajar quddiem il-Bord, kienu jinkludu li l-kuntratt ta' transazzjoni jiġi wkoll dikjarat ineffettiv, madankollu ġaladarba minn dan il-ftehim ta' transazzjoni, datat 12 ta' Novembru, 2020, esebit in atti, jirriżulta li l-partijiet kienu qegħdin jiftehmu li ser jidħlu u jiffirmaw ftehim ta' konċessjoni (ara klawsola numru 1 tal-imsemmi ftehim), huwa pjuttost loġiku li apparti li jitħassar il-kuntratt ta' konċessjoni, għandu jitħassar il-ftehim ta' transazzjoni, altrimenti l-komparenti fuq l-imsemmi ftehim jistgħu jibqgħu jivvantaw pretensjonijiet ta' kuntratt ta' konċessjoni naxxenti mill-imsemmi ftehim ta' transazzjoni. Dan l-Awtorita` appellanti tafu sew, kif jirriżulta mill-argument magħmul minnha taħt it-tieni parti tat-tielet aggravju tagħha, li l-partijiet obbligaw ruħhom li jiffirmaw kuntratt ta' konċessjoni fi żmien stabbilit.

15. Kuntrarjament għal dak li jingħad mill-Awtorita` appellanti, fit-tieni parti tat-tielet aggravju tagħha, li hekk kif il-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' transazzjoni u obbligaw ruħhom li jiffirmaw kuntratt ta' konċessjoni f'terminu prefiss, kien ovvju li l-ordni tal-kanċellazzjoni tal-RFP ma kienx

għadu applikabbli, kif spjegat qabel, lil hinn mill-ftehim ta' transazzjoni, hekk kif Harbour Management Limited ċediet il-kawża quddiem il-Qorti, ġiet fis-seħħ l-ordni ta' kanċellazzjoni tal-RFP da parti tal-Awtorita`, peress li sa dak l-istadju, ma kien hemm xejn li jreġġa' lura tali ordni ta' kanċellazzjoni. Kif ġustament osservat mill-Bord, il-ftehim ta' transazzjoni fih innifsu, għalkemm jagħmel referenza għall-ordni tal-kanċellazzjoni, ma jħassarhiex, kwindi dik l-ordni laħqet ġiet fis-seħħ definittivament qabel ma sar il-kuntratt ġdid ta' konċessjoni. Il-kuntratt ta' konċessjoni sussegwentement iffirmat bejn l-Awtorita` u Harbour Management Limited ma setax isir bħala estensjoni tal-RFP oriġinali, peress li dak l-RFP kien laħaq ġie kkanċellat u għalhekk l-argument tal-Awtorita` appellanti li hekk kif ġie ffirmat il-kuntratt ta' konċessjoni, l-ordni tal-kanċellazzjoni tal-RFP ma baqgħetx applikabbli, ma jreġix. Hekk ukoll, isegwi li l-Awtorita` appellanti ma kellhiex dritt tidħol f'kuntratt ta' konċessjoni ġdid mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, kif jipprovdi r-Regolament 113 ċitat mill-appellati u l-appellanti ma ressqet ebda spjegazzjoni valida ta' kif dan setgħet tagħmlu b'konformita` mad-Direttiva 2014/23/UE. Kwindi din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Bord li ddikjarat kemm il-ftehim ta' transazzjoni tat-12 ta' Novembru, 2020, kif ukoll il-kuntratt ta' konċessjoni datat 22 ta' Frar, 2021, ineffettivi skont dak li jipprovdi r-Regolament 113(2) tar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Konċessjoni.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta billi tiċħad l-istess u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi tat-8 ta' Lulju, 2021. L-ispejjeż marbuta ma' dan l-appell jitħallsu mill-Awtorita` għat-Trasport f'Malta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm